# LURA FIS-SEKLI MADWAR IT-TOROQ TA' ĦAL TARXIEN

*Matthew Scicluna*

Din is-silta hija t-tielet u l-aħħar parti mis-sensiela li kienet qed tidher f'dan il-ktejjeb. Iż-żewġ partijiet l-oħra dehru fl-edizzjonijiet preċedenti.

Is-snin igerbu u s-sekli jgerbu wkoll. Is-sena l-oħra spiċċajna d-dawra tagħna mat-toroq ta' Ħal Tarxien fi Triq il-Kbira b'dar tas-seklu tmintax. Jekk inkomplu għaddejjin fl-istess triq, il-mixja tagħna mar-raħal twassalna għal dar tas-seklu dsatax.

Bl-isem ta' **Palazzo Spadafora**, din id-dar tinsab faċċata tad-dar tal-Kappillan u mill-kuntratt tal-bini jidher li kienet inbniet fl-1854. Il-velestrun tal-ħadid fuq il-bieb prinċipali juri l-inizjali 'SL' għal Salvatore Lanzon li fil-fatt kien joqgħod hawn ma' ħutu. Ġo l-intrata tad-dar hemm x'jindika li meta kienet issir xi purċissjoni bis-sagrament, bħal fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù, kien jintrama artal minn fejn kienet tingħata l-barka sagramentali. Użanza sabiħa li ż-żmien nessa u li llum bis-saħħa ta' l-immaġinazzjoni tagħna biss nistgħu nsibu stampa tas-sbuħija ta' l-okkażjoni.



*Palazzo Spadafora b'dettalji mill-faċċata u l-inizjali SL fil-velestrun tal-ħadid ta' fuq il-bieb prinċipali*

Inħallu Palazzo Spadafora, nibqgħu mixjin dritt għal ħdejn il-knisja parrokkjali u niksru għal Triq Paola fejn insibu villa li nbniet fl-aħħar snin tas-seklu dsatax, eżattament fl-1877. Villa Lanzon kienet mibnija mill-Perit Lanzon. Is-simboli ta' lanzetta u palma huma l-arma tal-familji bil-kunjom Lanzon u Palma rispettivament - iż-żewġ familji li tħalltu bi żwieġ u marru jabitaw fdin il-villa. Dan il-bini kien l-ewwel wieħed li fih intuża qatran kontra l-umdità fil-pedamenti, esperiment tal-periti Ingliżi li kienu joqogħdu Malta f'dak is-seklu. Diversi


*Villa Lanzon*

membri tal-familja Lanzon li kellhom livell għoli edukattiv kienu jgħammru ġo din il-villa. Ħaġa pożittiva hi li, biddlet kemm biddlet idejn, kull min joqgħod f'din il-villa żammilha l-istil oriġinali tagħha - arkitettura b'simetrija perfetta, gallariji oriġinali u magħmulin ta' l-injam u portiku quddiem il-bieb ta' barra.

Naslu bil-pass għas-subborgi tar-raħal fejn fis-seklu dsatax kienu joqogħdu fil-maġġoranza tagħhom ħaddiema bil-familja. Id-djar f'dan il-perjodu nbnew f'ringiela ma' ġenb xulxin u jixbhu lil xulxin, kemm fil-karattru u kemm fid-daqs. Fil-fatt huma kollha ġeneralment b'żewġ sulari u bil-gallariji ta' l-injam fuq il-faċċata.



Id-daqs tal-gallarija u l-wisa' tal-faċċata kienu indikazzjonijiet dwar jekk ir-residenti tad-djar kinux benstanti jew le. Fil-ħamsinijiet, il-membri tal-kleru Dun Ġwann Diacono, Dun Mikiel Vella, il-Kanonku Ġużeppi Gonzi u l-Monsinjur Ġużeppi Schembri kienu joqogħdu f'din it-triq.

**Id-Dar ta' Dun Franġisk Caruana** fit-Triq Prinċipali ta' Ħal Tarxien hi wkoll tas-seklu dsatax. Din għandha l-faċċata tagħha irtirata ftit 'il ġewwa, bil-bieb prinċipali wara setaħ.

Mingħand Dun Franġisk din id-dar kienet għaddiet għal għand il-Patrijiet il-=Bojod u eventwalment għand is-sorijiet tal-Karità.



*Id-Dar ta' Dun Franġisk Caruana bil-faċċata wara s-setaħ*

Sfortunatament, fis-seklu ta' wara l-iżvilupp artistiku fil-qasam arkitettoniku donnu waqaf jirrendi stili ta' bini li jagħmlu dehen, u dan ma ġarax biss f'Ħal Tarxien iżda fi gżiritna in ġenerali. Fil-fatt, djar li jolqtu l-għajn tas-seklu għoxrin f'dan ir-raħal m'hawnx ħlief Villa Cecy fi Triq il-Kbira u Villa Annunzjata fi Triq Xintill. Mill-bqija, l-istil modern post-modern taw lok għal ħallata ballata ta' stili b'bini xi drabi bla proporzjon u bla dettall fid-disinn u b'użu ta' aperturi ta' l-aluminju, għalkemm hu materjal aktar prattiku mill-injam, ma jagħtix lill-bini dik id-dehra ta' eleganza tad-djar klassiċi.

Forsi tistaqsu d-djar antiki għad għandhom post fi gżiritna? U r-risposta tiegħi hi iva, u bil-kif. Dawn id-djar huma ta' valur fl-ambjent Malti u jekk wieħed jibda jnaqqar minnhom, l-identità tagħna tisfuma fix-xejn. Fl-Ewropa stess qed issir valutazzjoni biex bini bħal dan jiġi protett. L-istess aħna, għandna nħaddnu kuxjenza ċivika billi ngħożżu u nkunu kburin bl-istorja, magħġuna fil-bini antik. Għandna wkoll nutilizzaw dan il-wirt għal skopijiet kulturali u turistiċi ħalli l-memorja ta' missirijietna li welldu u ffurmaw il-karattru li nipposjedu tibqa' ħajja.

*Aktar tagħrif fuq id-djar antiki ta' Ħal Tarxien jinsab fil-ktieb: "Il-Binja ta' Djar tul is-Sekli f'Ħal Tarxien" miktub minn Matthew Scicluna. Dan il-ktieb jista' jinkiseb mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien.*